MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NATASHA GALEA SCIBERRAS

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Numru. 341/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Gabriel Micallef)**

**vs**

**Peter George**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat Peter George ta' 41 sena, imwieled is-Sudan, nhar l-1 ta' Jannar 1973, residenti gewwa Fingest,

Block C, Flat 4C, Triq Mons. Innocenz Zammit, Msida u detentur tad-dokument tal-ivjaggar Taljan bin-numru 108571;

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-5 ta' Awwissu 2014 u fil-jiem ta' qabel:

1. Kellu fil-pussess tieghu l-pjanta *cannabis* kollha jew bicca minnha bi ksur tal-Artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-Ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ottubru 2014, l-imputat irregistra ammissjoni ghall-imputazzjoni migjuba kontra tieghu, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur tal-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni u kkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba u jerga' lura minnha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena u s-suggeriment taghhom dwar l-istess, fir-rigward ta' liema suggeriment il-Qorti ddikjarat li ma kinitx qeghda tintrabat bih u anke wissiet lill-imputat b'dan, qabel ma rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni maghmula mill-imputat fir-rigward tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u a bazi tal-provi prodotti, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati ta' din l-imputazzjoni.

Ghal fini ta' piena, il-Qorti kkunsidrat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta.

Qieset ukoll illi mill-provi prodotti jirrizulta illi fil-pussess tieghu l-imputat kellu pakkett li kien jikkontjenti hames pakketti li fihom kellhom is-sustanza *cannabis*.[1] Mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut[2] jirrizulta illi fl-estratti mehuda mill-haxix fl-imsemmija pakketti, instabet is-sustanza *Tetrahydrocannabinol* u li l-piz totali tas-sustanza kien ta' 3.55 grammi, b'purita` ta' cirka 6.5%. Jirrizulta wkoll mill-istess relazzjoni, illi fuq estratt mehud mill-*crusher* (li skond ix-xhieda tal-ufficjali tal-pulizija instabet fil-kamra tal-imputat[3]), instabet ukoll is-sustanza *Tetrahydrocannabinol*. Skond l-istess relazzjoni, il-piz rispettiv tas-sustanza misjuba f'kull pakkett kienet is-segwenti: 0.67 grammi, 0.71 grammi, 0.81 grammi, 0.81 grammi u 0.55 grammi.

Il-Qorti qieset ukoll illi l-ammissjoni tal-imputat f'dawn il-proceduri ma kinitx wahda bikrija tant illi tali ammissjoni giet registrata mill-imputat wara li nzammu sitt seduti u wara li fis-sitt seduta, il-Prosekuzzjoni ddikjarat il-provi taghha maghluqa. Ghaldaqstant, l-imputat xorta hela l-hin tal-Qorti u r-rizorsi tal-Pulizija, u ghalhekk m'ghandu jibbenefika minn ebda riduzzjoni fil-piena ghall-fatt li huwa irregistra din l-ammissjoni.

---

[1] Xhieda ta' PC 1372 Alan Cutajar (a fol. 12 tal-process); PC 850 Stephen Micallef (a fol. 16 tal-process).
[2] Ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 62 *et seq* tal-process.
[3] Xhieda ta' PC 773 Ryan Tonna (a fol. 24 tal-process); PC 1311 Gregory Michael Pizzuta (a fol. 28 tal-process); PS 839 Stephen Micallef (a fol. 41 tal-process).

Mill-banda l-ohra, il-Qorti qieset ukoll s-suggeriment tal-partijiet fis-sens illi l-piena idonea fil-kaz odjern hija piena fil-minimu u dan tenut kont tal-fatt illi l-ammont tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat ma kienx wiehed konsiderevoli.

Fir-rigward tal-flus misjuba fil-pussess tal-imputat u cioe` is-somma ta' mija u hamsin Euro (€150), ghalkemm ic-cirkostanzi li fihom instabu dawn il-flus huma suspettuzi[4] wara li l-imputat stess ammetta li l-pjanta *cannabis* li nstabet fil-pussess tieghu ma kinitx intiza biss ghall-uzu esklussiv tieghu, biss ma ngabitx prova, fil-grad rikjest mil-ligi, li turi illi dawn il-flus kienu gejjin mill-bejgh tad-droga.  Il-Qorti lanqas ghandha hjiel, mill-provi mressqa, dwar jekk l-imputat kienx jahdem per ezempju u l-istess imputat lanqas ma gie mistoqsi, fl-istqarrija tieghu, dwar il-provenjenza ta' dawn il-flus.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qed tikkundannah ghal piena ta' **sitt xhur u nofs prigunerija effettiva** – li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-hati ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni mar-reat li tieghu nstab hati permezz ta' din is-sentenza - u **multa ta' seba' mitt Euro (€700)**, liema somma ghandha tithallas mill-hati fi zmien gimgha mil-lum.  Fin-nuqqas, din tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) jew parti minnhom dovuti.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-hati sabiex ihallas l-ispejjez konnessi mal-esperti mahtura f'dawn il-proceduri, ossia, l-ispejjez rigwardanti r-relazzjoni tal-espert Godwin Sammut, ammontanti

[4] Skond ix-xhieda ta' PC 850 Stephen Micallef (a fol. 16 u 17 tal-process), dawn instabu fiz-zarbun tal-imputat.

ghas-somma ta’ mitejn, tmienja u ghoxrin Euro u hamsa u erbghin centezmu (€228.45) u l-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert PS 659 Jeffrey Hughes, ammontanti ghas-somma ta’ wiehed u sittin Euro u tnax-il centezmu (€61.12), ammontati ghal total ta’ mitejn, disgha u tmenin Euro u sebgha u hamsin centezmu (€289.57), liema spejjez ghandhom jithallsu fi zmien gimgha mil-lum. Fin-nuqqas, din is-somma tigi konvertita fi prigunerija bir-rata ta’ jum habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga, Dokument GM, kif ukoll l-affarijiet relatati mal-abbuz u mal-ispacc tad-droga, ossia l-*crusher* u l-boroz, formanti parti minn Dokument GM2, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi *proces-verbal* li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta’ din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Tordna wkoll ir-rilaxx tal-mobile phones formanti parti minn Dokumenti GM u GM2 u tas-somma ta’ mija u hamsin Euro (€150), esebita fl-atti bhala Dokument GM1, favur l-imputat.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------